MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Referenza Kostituzzjonali Numru. 6/2012

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Norman Lowell**

B'digriet li nghata fit-23 ta' Jannar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Il-**Pulizija vs Norman Lowell**, ordnat riferenza kostituzzjonali sabiex din il-qorti tiddeciedi:-

*"jekk il-fatt li l-appellant ma kellhux assistenza legali waqt l-interrogatorju mill-Pulizija, marx kontra jew le d-dritt ta'*

*gudizzju bil-fier skond l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u qed tirrinvija l-atti kollha lil Prim'Awla tal-Qorti Civili biex tiddiskuti dan il-punt."*[1].

L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija pprezentaw twegiba fejn iddikjaraw:-

*"Illi fit-23 ta' Jannar 2012 l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghamlet Referenza lil din l-Onorabbli Qorti sabiex l-istess Qorti tiddeciedi l-kwistjoni "jekk il-fatt li l-appellant ma kellux assistenza legali waqt l-interrogatorju mill-Pulizija, marx kontra jew le d-dritt ta' gudizzju bil-fier skont l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni."*

*(1) Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegat ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq a tenur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

a. *Illi in linea generali l-esponenti jirreferu ghall-insenjamenti tal-gurisprudenza nostrana li tghallimna li, 'l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jaghmilha cara li l-jedd ta' smigh xieraq fil-qafas ta' proceduri kriminali jiddependi minn (a) akkuza li (b) tkun qeghda tinstama' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi. Dan l-artikolu gie mfisser mill-Qrati taghna bhala li japplika biss fejn ikun inbeda procediment quddiem qorti li, fl-gheluq ta' dak il-procediment, tista' tasal biex taghti decizjoni li tiddetermina l-htija jew in-nuqqas ta' htija tal-persuna akkuzata. Ghalhekk, tqies li d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jghoddu dwar proceduri quddiem il-*

[1] Fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2012 id-difensur tal-appellant iddikjara: *"....li meta l-appellant nhar is-Sibt 27 ta' Mejju 2006 gie arrestat gewwa daru u ttiehed id-depot tal-Pulizija, l-appellant ma nghatax l-opportunita li lilu jigi mfisser li kellu d-dritt ghal assistenza legali u ttiehidlu statement f'din l-inkwadratura. Ghalhekk a bazi ta' diversi sentenzi kostituzzjonali moghtija recentement, l-appellant qed jitlob umilment li jaghmel riferenza kostituzzjonali fuq dan l-aspett."*.

*Qorti Kriminali bhala Qorti Inkwirenti u lanqas ghal proceduri quddiem il-Qorti Kriminali bhala Qorti Istruttorja;*

b. *Illi jsegwi ghalhekk li dawk ic-cirkostanzi li dwarhom ir-rikorrent qieghed jilmenta li jirrigwardaw grajjiet li sehhew qabel ma kien inbeda xi procediment kontra tieghu, l-ilmenti tar-rikorrent jaqghu lil hinn mill-ambitu tal-artikolu 39 tal- Kostituzzjoni;*

*(2) Illi l-lanjanza ta' l-akkuzat hija impernijata fuq il-fatt illi fl-istadju bikri ta' l-investigazzjoni u cioe fil-mument meta ittiehdet l-istqarrija ta' l-imputat, l-istess akkuzat ma kienx assistit minn avukat;*

*L-esponenti jissottomettu li jirrizulta li l-istqarrijiet li minnhom qed jillanja l-akkuzat, gew rilaxxati lill-Pulizija fis-27 ta' Mejju 2006. Effettivament, l-imputat fl'ebda stadju tal-proceduri kriminali ma llanja minhabba l-fatt li ma kellux avukat jassistieh fil-kors tal-interrogazzjoni. Dan jidher b'mod car kif ikkonfermat ukoll mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni li kienu prezenti waqt it-tehid ta' din l-istqarrija, apparti l-fatt li l-akkuzat inghata d-debita twissija skond il-ligi u fehma tajjeb hafna. Inoltre, l-akkuzat stess fix-xhieda tieghu datata 8 ta' Novembru 2006 afferma li kien ikkopera mal-Pulizija u li kien irrisponda ghad-domandi li ghamlulu u hu stess ammetta li kien liberu li ma jirrispondix. Illi issa biss li l-proceduri Kriminali fil-konfront tieghu huma pendenti quddiem l-appell li ghogbu jqajjem din il-lanjanza;*

*(3) Illi minn imkien ma gie allegat u minn imkien ma jirrizulta li r-rikorrent gie b'xi mod imgieghel jaghti l-istqarrijiet li ta. Illi jirrizulta car li huwa nghata t-twissija skond il-ligi fis-sens li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, izda li dak li kien se jghid seta jingieb bi prova kontrih. L-esponenti jissottomettu ukoll li minkejja illi nghatat dina t-twissija, ir-rikorrent volontarjament u liberament ghazel li jwiegeb il-mistoqsijiet li sarulu u ghazel li jwiegeb certi domandi mentri ohrajn ghazel li ma jwiegebx ghalihom. Jirrizulta ukoll li r-rikorrent kien qed jifhem l-import tac-cirkostanzi li kien jinsab fihom;*

*(4) Illi bid-dovut rispett, l-esponent jissottometti li d-dritt li suspettat ikun assistit minn avukat waqt il-hinijiet li ttiehdietlu l-istqarrija m'huwiex konsegwenza awtomatika ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, aktar u aktar meta kien hemm provi inkriminanti ohra a sodisfazzjon ta' l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li kkorraboraw it-tezi tal-Prosekuzzjoni u l-htija ta' l-imputat. Fil-fatt il-provi l-ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-proceduri Kriminali li kkoraboraw il-fatti kif dikjarati fl-istqarrija in kwistjoni, kienu jikkonsistu: (i) fix-xhieda tal-imputat Norman Lowell f'dik datata 8 ta' Novembru 2006 fejn l-istess akkuzat ammetta illi huwa kien il-persuna li qeghed fuq l-internet l-artikolu 'Coming Cathecismic Crisis'; (ii) mix-xhieda ta' l-akkuzat tas-7 ta' Dicembru 2006 fejn xehed bil-gurament u ikkonferma l-ispeech tieghu tat-30 ta' April 2006 u anke kkonferma l-kontenut tal-filmat li gie muri fil-Qorti, (iii) mix-xhieda tieghu tad-19 ta' Jannar 2007 fejn huwa stess ammetta li kien hu li kiteb l-artiklu f'Novembru 2003; (iv) mix-xhieda tal-espert imqabbad mill-Qorti l-Avukat Stephen Farrugia Sacco kif ukoll mill-provi tal-ufficjali tal-Pulizija li xehdu dwar l-involviment taghhom fl-investigazzjonijiet. Illi ghalhekk l-allegazzjoni in kwistjoni ma tistax tittiehed wahedha u barra mill-kuntest tal-proceduri kollha fit-totalita taghhom u sabiex wiehed jasal ghall-konkluzjoni jekk kienx hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq f'dan il-kaz partikolari, hu mehtieg li jsir apprezzament tal-process kriminali ta' l-imputat fl-interezza tieghu u mhux unikament f'mument isolat fl-istess proceduri li jiffoka fuq l-istadju ta' l-interrogazzjoni;*

*(5) Illi kemm mill-premess kif ukoll mill-atti processwali huwa manifest illi d-drittijiet ta' l-imputat, senjatament id-dritt li jinghata assistenza legali fl-istadju tar-rilaxx ta' l-istqarrija, ma giex perikolat tul il-proceduri kollha;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jissottomettu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrispondi ghar-Referenza Kostituzzjonali fl-ismijiet premessi billi tiddikjara li fic-cirkostanzi odjerni, ma hemmx lezjoni tad-drittijiet fundamentali ta' l-akkuzat ai termini ta' l-Artikolu*

*39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; bl-ispejjez.*"

Jirrizulta li fis-27 ta' Mejju 2006, Norman Lowell tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Hu gie akkuzat li fit-3 ta' April 2006 gewwa r-Rabat, Malta, 8 ta' Mejju 2006 fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar, uza kliem jew imgieba ta' theddid, abbuziv u insolenti, jew gab ruhu b'dan il-mod bil-hsieb li jqajjem mibgheda razzjali. Gie akkuzat ukoll li ghamel l-istess f'artiklu li kiteb bejn Dicembru 2003 u 27 ta' Marzu 2006 bit-titlu Coming Cataclysmic Crisis. Fl-ahharnett gie akkuzat ukoll li fit-8 ta' Mejju 2006 gewwa San Pawl il-Bahar, uza kliem, ghemil jew gesti li ngurjaw lill-persuna tal-President ta' Malta.

Permezz ta' sentenza li nghatat fis-27 ta' Marzu 2008 il-qorti sabitu hati u kkundannatu sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin. Inoltre kkundannatu jhallas multa ta' hames mitt ewro (€500). Minn din is-sentenza sar appell.

Norman Lowell kien gie arrestat u fis-27 ta' Mejju 2006 u fil-11.00 ta' filghodu[2] ta stqarrija lill-pulizija. Dakinhar stess fl-3.40 ta' wara nofsinhar[3] saret it-tieni stqarrija. Dakinhar stess tressaq il-qorti. M'huwiex kontestat li kemm qabel u waqt l-interrogatorju li sar fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, ma kellux l-opportunita li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu. F'dak iz-zmien persuna li qeghda tigi nvestigata kellha dritt biss li tinghata t-twissija, fis-sens li m'hijiex obbligata twiegeb mistoqsijiet u dak kollu li tghid seta jingieb bhala prova kontra taghha.

F'dan l-istadju jkun opportun li jinghad x'jirrizulta mill-istqarrijiet:-

(a) **<u>L-ewwel stqarrija</u>**:- Li hu kien il-mexxej tal-moviment Imperium Ewropa, u li jaghmlu laqgha darba fix-xahar u laqgha kull sena. Ikkonferma wkoll li matul l-ahhar xahrejn kienu ghamlu l-laqghat ghand Fra Ben, u qabel in-

2 Fol. 77 tal-proceduri kriminali.
3 Fol. 83 tal-proceduri kriminali.

Nigret nightclub. Ikkonferma li l-laqghat kienu jigu ffilmjati u jitpoggew fil-website ta’ VivaMalta. Ikkonferma li dak li hemm f’din il-website hu dak li qal fiz-zewg laqghat oggett tal-proceduri kriminali li eventwalment ittiehdu kontra tieghu. Mistoqsi biex ighid jekk waqt il-laqghat uzax kliem jew imgieba ta’ theddid abbuziv jew insolenti lejn diversi persuni, qal:-

***“Look at me, u ghamilli sinjal b’idejh li ma jwegibx.***

***Ma hemmx mibgheda razzjali, ahna nhobbu lil pajjizna, lill-poplu taghna, lir-razza taghna. Mibgheda ghax qed tiddefendi lil pajjizek ? Mibgheda dak in-negru li haraq il-karozza ta’ dak is-suldat u meta jsawtu lilkom hawn isfel fid-depot stess u da wara li titimghawhom.”***.

Zied ighid li hu sempliciment membru tal-website Viva Malta, kif ukoll li kiteb l-artiklu Cataclysmic Crisis. Imbaghad spjega partijiet minn dak li kiteb. Fuq domanda tal-ufficjal tal-pulizija jekk iqiesx li l-gwerra hijiex necessarja, qal li ma tistax tahrabha. Mistoqsi biex ighid x’ried ighid bil-eugenics programm, qal li *“Its self explanatory.”*. Ikkonferma wkoll li waqt il-laqgha ta’ Fra Ben kien hemm bejn 30 u 40 ruh, u li ghalkemm kien jaf li t-tixwix ghal mibeghda razzjali hu reat taht il-ligi Maltija, qatt ma kien ser jaccettaha u spjega ghalfejn. Waqt l-istqarrija ntwera l-website tal-Viva Malta u kkonferma li dak li kien qieghed jara kienu filmati tal-laqghat in kwistjoni. Fl-ahhar wera d-disaprovazzjoni tieghu ghall-investigazzjoni li fil-fehma tieghu kienet politikament motivata.

(b) **<u>Tieni stqarrija</u>**:- kull ma qal kien li meta gie arrestat kien inghata kopja tal-mandat ta’ arrest, li kien hemm akkaniment kontra tieghu li kien politkament motivat, u li dak is-sajf il-Gvern seta’ jitlef kull kontroll fir-rigward ta’ dhul f’Malta minn immigranti. Ir-risposti li ta m’ghandhom jaqsmu xejn mar-reati li gie akkuzat bihom.

Dakinhar li Normal Lowell tressaq il-qorti, id-difensur tieghu baghat avviz lin-newsroom tal-gurnal The Times,

fejn informa x'kien gara[4]. Fl-avviz jinghad li *"Mr Lowell was interrogated in the most civilized of ways and a statement was drawn up by the Executive Police which Mr Lowell refused to sign."*.
Fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2012 xehed l-Ispettur George Cremona, wiehed mill-ufficjali tal-pulizija li nvestiga l-kaz, li kkonferma li Normal Lowell kien gie arrestat u ttiehed il-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Zied:-

*"Nikkonferma li fil-perjodu kollu li Lowell kien taht arrest, hu ma kellu l-ebda opportunita' li jikkomunika ma' avukat ta' fiducja tieghu. Inzid ukoll li huwa (ma) ikkomunika ma' hadd, hlief maghna il-Pulizija. Nikkonferma wkoll li kien biss wara li hadnielu it-tieni stqarrija li ahna gharrafna lil Lowell li seta' jikkomunika ma' xi hadd biex ikun jista' igiblu x'jilbes ghax konna ser intellghuh il-Qorti u nakkuzawh."*[5].

Bhala regola min jinsab ruhu fil-posizzjoni li kien fiha Norman Lowell fis-27 ta' Mejju 2006, l-Artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvezjoni Ewropea jesigu li jkollu access ghall-avukat. Dritt rikonoxxut mill-Qorti Kostituzzjonali f'diversi sentenzi fosthom **Il-Pulizija vs Esron Pullicino** u **Il-Pulizija vs Mark Lombardi** tat-12 ta' April 2011. Fil-kaz ta' Lombardi l-qorti qalet:-

*"Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni."*.

Fil-kaz ***Dayanan vs Turkey***[6], il-Qorti Ewropea osservat li l-ghan wara dan il-principju hu:-

*"Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obatin the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard counsel has to be able to secure without restriction the*

[4] Fol. 74.
[5] Fol. 32.
[6] 13 ta' Ottubru 2009.

*fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention."*[7].

Il-qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

1. Il-fatt li nghatat sentenza mill-ewwel qorti ma jipprekludix lill-appellant (Norman Lowell) milli jqajjem xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wiehed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali. Wiehed ma jridx jinsa li l-kaz ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

2. Mis-sentenza li nghatat mill-ewwel qorti ma jirrizultax li l-istqarrijet li rrilaxxa Norman Lowell fis-27 ta' Mejju 2006 kellhom xi impatt fid-decizjoni li tat il-qorti. Qieghed jinghad hekk in kwantu jirrizulta li fir-rigward tal-akkuza relatata ma' dak li qal:-

(a) In-Nigret f'April 2006 il-qorti strahet esklussivament fuq dak li qal dakinhar u kkonkludiet li:- *".....ma hemmx dubbju li f'ghajnejn l-individwu b'intellett normali w ordinarju, dan il-kliem u referenzi jammontaw ghal imgieba ta' theddid abbusiv w insulenti li tqajjem mibgheda razzjali. Tqajjem kuxjenzi li huma differenza bejn r-razza Maltija u dik tal-barrani pero b'mod dispreggjattiv."*[8]. Hu evidenti li l-ezercizzju li ghamlet il-qorti kien jekk dak li qal Lowell f'April 2006 kienx qieghed ixewwex ghall-mibeghda razzjali.

(b) F'San Pawl il-Bahar f'Mejju 2006 il-qorti ghamlet l-istess esercizzju u osservat: *"Illi ma hemmx dubju li min isegwi dawn d-diskorsi, minnufih jinduna li l-imputat qed jipprova jirredikola n-nies li jigu mill-Afrika u certament jitfa dell fuqhom ghad-differenza tal-Ewropej. Zgur li dan it-trattament huwa wiehed razzjali u jaqa' fil-*

[7] Fil-kaz ***Ocalan v Turkey***, deciza fit-12 ta' Meju 2005, il-Qorti rrimarkat li access ghall-avukat hu essenzjali biex jippermetti lill-persuna biex tikkontesta l-legalita u t-tul ta' detenzjoni.
[8] Fol. 104 tas-sentenza.

*parametri tal-artikoli tal-ligi moghtija mill-Avukat Generali."*[9].

(c) F'artiklu li kiteb bit-titlu *Coming Cataclysmic Crises*, il-qorti ghamlet riferenza ghal dak li kiteb u kkonkludiet: *"Illi l-Qorti hija tal-fehma li dan l-artikolu ghalkemm veru jirrifletti l-vizjoni tal-awtur tieghu, u cioe' tal-imputat li zgur hi vizjoni razzista w infelici kontra nies b'karnaggjon skur, jeleva lin-nies b'karnaggjon abjad ghad-detriment tar-razez l-ohra li hu jikkonsidra razzez inferjuri u li ghandhom jigu eradikati."*[10].

(d) Fir-rigward tal-President ta' Malta f'Mejju 2006 gewwa San Pawl il-Bahar, il-qorti wkoll a bazi ta' dak li qal fit-8 ta' Mejju 2006 f'San Pawl il-Bahar, ikkonkludiet li bi kliem wera nuqqas ta' qima lejn il-kariga, u dan l-agir kien reat skond l-Artikolu 72 tal-Kodici Kriminali.

Norman Lowell xehed minn jeddu fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2006[11]. Hu beda biex liberament ikkonferma l-kontenut tal-istqarrija li ta lill-pulizija fis-27 ta' Mejju 2006. Ikkonferma wkoll li kien ghamel diskorsi fit-8 ta' Mejju 2006[12] u 3 ta' April 2006. Qal li kien l-awtur tal-artiklu *Coming Cataclysmic Crises* u kien poggieh fuq il-website VivaMalta, u li fih hemm ***"...biss it-tezi politika tieghi."***[13]. Fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2007 rega' qal li kien kiteb l-artiklu f'Novembru tal-2003[14].

L-atti tal-proceduri kriminali jinkludu filmat taz-zewg laqghat li saru, wahda fit-3 ta' April 2006 u l-ohra fit-8 ta' Mejju 2006. Fihom jidher Norman Lowell u jinstema' jindirizza gemgha ta' nies[15]. Id-diskors ta' Lowell gew

---

[9] Fol. 106 tas-sentenza.

[10] Fol. 107 tas-sentenza.

[11] Fol. 128 tal-proceduri kriminali.

[12] Sahansitra qal li *"Jiena smajt l-ispeech ergajt u dan fil-bini tal-Qorti u nikkonferma li dak huwa l-ispeech tieghi."* (fol. 147 tal-process tal-proceduri kriminali). Fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2007 kien xehed Jonathan Paul Cuschieri li kkonferma li kien attenda ghal laqghat u kien hemm nies ohra jisimghu lil Norman Lowell.

[13] Fol. 132 tal-proceduri kriminali.

[14] Fol. 162.

[15] Fil-laqgha tar-Rabat jinstemghu, f'iktar minn darba wahda, capip u dahk ta' nies ghal dak li kien qieghed ighid Lowell. L-istess fil-laqgha li saret gewwa Fra Ben fit-8 ta' Mejju 2006.

traskritti mill-avukat Dr Stephen Farrugia Sacco fuq inkarigu tal-qorti[16].

Fil-kors tas-smiegh tal-proceduri kriminali Norman Lowell ikkonferma li d-diskorsi tat-3 ta' April 2006 fir-Rabat u 8 ta' Mejju 2006 f'San Pawl il-Bahar u li t-traskrizzjoni taghhom tinsab fl-atti[17], saru minnu. L-istess fir-rigward tal-artiklu *Coming Cataclysmic Crises*, cjoe' li kien l-awtur tieghu. Sahansitra meta xehed fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2007 tkellem fuq dak li kiteb.

Fatti li rega' kkonferma fin-nota ta' sottomissjonijiet li kien ipprezenta fid-9 ta' Ottubru 2007[18]. Ghalhekk li kien fadlilha tisabilixxi l-qorti kien sempliciment dwar jekk dak li qal u kiteb, kienx ikkometta r-reati kontemplati fl-Artikolu 72 u 82A tal-Kodici Kriminali. F'dan l-esercizzju hu evidenti li l-qorti ma ghamlet l-ebda riferenza ghal dak li qal l-akkuzat fl-istqarrijiet tas-27 ta' Mejju 2006, u lanqas kien hemm bzonn. Dan apparti l-fatt li l-istess stqarrijiet ma fihom xejn differenti minn dak li qal meta xehed fil-qorti.

Ghaldaqstant il-provi li fuqhom il-qorti bbazat id-decizjoni huma d-diskorsi u l-artiklu *Coming Cataclysmic Crises*. Hu vident li s-sejbien ta' htija ta' Norman Lowell ma kienx dipendenti fuq il-fatt li fis-27 ta' Mejju 2006 irrilaxxa stqarrijiet lill-pulizija. Veru li dawn ingiebu bhala prova kontra tieghu izda ma kienux determinanti. Il-qorti strahet esklussivament fuq dak li qal fid-diskorsi u li kiteb, biex waslet ghall-konkluzjoni li kien hati tal-akkuzi.

3. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta Norman Lowell[19] f'dawn il-proceduri, isostni li in vista ta' dak li gie stabbilit fil-kaz ta Salduz, ghandu jigi *"....illiberat fuq il-bazi li l-procedura ntuzat biex tressaq arrestat b'akkuzi kontra tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati nhar is-Sibt, 27 ta' Mejju, 2006 kissru d-Drittijiet u Libertajiet tieghu bhala*

---

16 Ara verbal tas-26 ta' Gunju 2006.
17 Ara fol. 108 tal-atti tal-proceduri kriminali.
18 Ara fol. 305-365 tal-atti tal-proceduri kriminali.
19 Fol. 32.

*ndividwu ghal dak li jirrigwarda smiegh xieraq."*[20]. Il-qorti ma taqbilx ma' din it-tezi. Il-qorti sabet htija mhux a bazi ta' dak li ddikjara Lowell lill-pulizija fl-istqarrijiet tas-27 ta' Mejju 2006, izda ta' dak li qal fit-3 ta' April 2006 fir-Rabat u fit-8 ta' Mejju 2006 f'Settembru 2006, u dak li kiteb. Il-fatt li ma kellux l-opportunita li jitkellem ma' avukat minn meta gie arrestat sakemm tressaq il-qorti u f'dak l-intervall ghamel zewg stqarrijiet lill-pulizija, ma jfissirx li l-proceduri kriminali huma difettuzi.

4. Fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fis-17 ta' Mejju 2012[21] ma ta l-ebda indikazzjoni ta' xi konnessjoni bejn l-istqarrijiet li ghamel fis-27 ta' Mejju 2006 u s-sejbien ta' htija. Lanqas ma ta spjegazzjoni tan-natura tal-pregudizzji li sofriet id-difiza fl-istrategija taghha, b'rizultat ta' dawn l-istqarrijiet.

5. Kien Norman Lowell innifsu li meta xehed fil-qorti[22] kkonferma dak li qal lill-pulizija fl-istqarrija tas-27 ta' Mejju 2006. Kif rajna, ghal dak li jikkoncerna t-tieni stqarrija tista' tghid li ma qal xejn u ma ghamel l-ebda dikjarazzjoni li biha inkrimina lilu nnifsu. F'dan il-kuntest il-qorti hi tal-fehma li hi korretta r-riferenza li ghamlu l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija[23] ghas-sentenza **Paskal v Ukraine**[24]. F'dak il-kaz l-akkuzat kien irrilaxxa stqarrija minghajr ma kellu access ghall-avukat. Madankollu wara li nghata l-opportunita li jitkellem ma' avukat, jumejn wara rega' kkonferma dak li kien qal[25]. Fil-kaz taghna Norman Lowell ghazel li jikkonferma l-istqarrija sitt xhur wara, fi zmien meta altru milli kellu l-oppotunita li jikkonsulta ruhu ma' avukat u flimkien mieghu jhejji l-istrategija tad-difiza tieghu. Ghalkemm kellu kull dritt li jibqa' sieket, ghazel li jixhed meta kien jaf li kellu kull dritt li jibqa' sieket. Fil-kaz

---

[20] Fol. 41-42.
[21] Fol. 32.
[22] Seduta tat-28 ta' Novembru 2006.
[23] Ara nota ta' sottomissjonijiet prezentata fit-2 ta' Lulju 2012 (fol. 92).
[24] Qorti Ewropea, deciza fil-15 ta' Settembru 2011.
[25] *"On the other hand, neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial, as long as a waiver of the right is given in an unequivocal manner and was attended by minimum safeguards commensurate to its importance (see Salduz, cited above, § 59).".*

ta’ Paskal il-Qorti Ewropea kkonkludiet li mehud in konsiderazzjoni wkoll li jumejn wara l-akkuzat kien ikkonferma l-istqarrija, wara li kkonsulta ma’ avukat, *“It can therefore neither be concluded that the applicant was coerced to give any statement in defiance of his will, nor that his initial statements were detrimental to the advocate’s further defence strategy.”*[26].

F’dawn ic-cirkostanzi l-qorti tqies li l-ilment ta’ Norman Lowell m’huwiex gustifikat.

**Ghaldaqstant ghad-domanda tal-Qorti tal-Appell Kriminali *“jekk il-fatt li l-appellant ma kellhux assistenza legali waqt l-interrogatorju mill-Pulizija, marx kontra jew le d-dritt ta’ gudizzju bil-fier skond l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u qed tirrinvija l-atti kollha lil Prim’Awla tal-Qorti Civili biex tiddiskuti dan il-punt.”*, din il-qorti twiegeb le u li l-ilment ta’ Normal Lowell hu bla bazi hu ghar-ragunijiet moghtija qieghed jigi michud**.

**Spejjez a karigu ta’ Norman Lowell**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[26] Paragrafu 78.